MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 1231/2000/1

**Fr. Colin Apap**

**v.**

**Kevin Vassallo**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'cittazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Gunju 2000, l-attur ippremetta illi huwa tella' u pproduca tlettax-il programm bl-isem ta'

‘’Empowerment’’ li gie mxandar minn "Super One Television’’ kull nhar ta’ Hamis sa mill-21 ta’ Jannar 1999 'il quddiem bejn it-8.30 u l-10.30 ta’ filghaxija, b’repettizzjoni nhar ta’ Hadd filghodu bejn l-10.00 u 12.00; illi permezz ta’ skrittura privata datata 18 ta’ Jannar 1999 (kopja taghha annessa mac-citazzjoni u mmarkata bhala dokument ittra A’’) l-attur obbliga ruhu illi jipprovdi lill-konvenut il-hin u l-ispazju tax-xandir ghal seba’ (7) minuti fil-programm tieghu hawn fuq imsemmi l-liema hin u spazju kellu jigi utilzzat mill-konvenut ghall-pubblicita` u riklami (“advertising space”); illi ghal dan ‘l-*advertising space* il-konvenut obbliga ruhu li jhallas korrispettiv fis-somma ta’ erba’ mija u hamsin Liri Maltin (Lm450) ghal kull programm li fih ikun inghata l-imsemmi “*advertising space*’’, kif obbliga ruhu li jikkonsinja lill-attur computer IBM Pentium II u Modem ta’ 56 Kilobytes kif ukoll Velo Palm Top Computer u dan bhala parti mill-imsemmi korrispettiv; illi l-attur obbliga ruhu ukoll li jipprovdi l-konvenut spazju addizjonali ghall-pubblicita` u riklami (*additional advertising space*) ta’ minuta ghal-liema *additional advertising space* li l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-attur il-korrispettiv t’elf Liri Maltin (Lm1,000) li kellu jhallas kwantu ghal hames mitt Liri Maltin (Lm500) fi flus kontanti fuq talba ta’ l-attur u l-bilanc ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500) fi hwejjeg; illi l-programm hawn fuq imsemmija gew imxandra u l-konvenut ipprovda l-*advertising space* kollu pattwit bejniethom fl-iskrittura privata hawn fuq imsemmija; illi l-istess konvenut utilizza l-imsemmi hin li kien a dispozizzjoni tieghu; illi minkejja d-diversi talbiet illi sarulu mill-attur sabiex ihallas lill-attur il-korrispettiv il-flus kontanti kif ukoll li jikkonsenjalu l-apparat ta’ *computers* hawn fuq imsemmija, liema talbiet kienu saru kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, inkluz permezz t’ittra bonarja tat-30 ta’ Novembru 1999, il-konvenut baqa’ inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront ta’ l-attur fis-somma ta’ sitt elef tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm6,350) rapprezentanti parti mill-korrispettiv dovut lill-attur mill-konvenut in kontanti ghall-*advertising space* pattwit kif hawn fuq imsemmi;

"2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur imsemmija somma ta’ sitt elef tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm6,350) rapprezentanti parti mill-korrispettiv dovut lill-attur mill-konvenut fi flus kontanti ghall-*advertising space* hawn fuq imsemmi;

"3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jikkonsenja lill-attur *computer* IBM Pentium II u Modem ta’ 56 Kilobytes kif ukoll Velo Palm Top Computer u dan bhala parti mill-imsemmi korrispettiv ghall-*advertising space* hawn fuq imsemmi;

"4. Tikkundanna lill-istess konvenut jikkonsenja lill-attur IBM Pentium II u Modem ta’ 56 Kilobytes kif ukoll Velo Palm Top Computer u dan bhala parti mill-imsemmi korrispettiv ghall-*advertising space* hawn fuq imsemmi u dan fiz-zmien u taht il-modalitajiet li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha tiddetermina fic-cirkostanzi tal-kaz.

"Bl-imghaxx u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza, inkluz dawk ta’ l-ittra bonarja tat-30 ta’ Novembru 1999 kollox kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subbizzjoni."

B’nota pprezentata fil-25 ta’ Settembru, 2000 il-konvenut Kevin Vassallo eccepixxa:

"Illi t-talbiet attrici huma kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess attur kien inadempjenti fl-obbligi minnu assunti fil-konfront tal-konvenut kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant l-istess talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla atl-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-7 ta’ Ottubru, 2005 bil-mod segwenti:
*“Ghal dawn il-motivi*

*"Il-Qorti tiddeciedi*

*"Billi* [t]*iddikjara illi l-konvenut huwa debitur fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' sitt elef tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm6,350) rapprezentanti parti mill-korrispettiv dovut lill-attur mill-konvenut in kontanti ghall-advertising space pattwit;*

*"Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur imsemmija somma ta' sitt elef tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm6,350) rapprezentanti parti mill-korrispettiv dovut lill-attur mill-konvenut fi flus kontanti ghall-advertising space.*

*"Tichad it-tielet u r-raba talba.*

*"Bl-ispejjez kwantu ghal kwart ghall attur u tlett kwarti ghall konvenut.*

*"Bl-imghax mid-data tas-sentenza.*"

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Fatti u Kontestazzjoni**

"Permezz ta' skrittura Dok A a fol 6 l-attur kien ghamel ftehim mal-konvenut li bih huwa alloka lilu tmien minuti *airtime* ghal kull puntata minn tlettax-il programm tas-sensiela Empowerment li xxandret fuq Super One TV ghal korrispettiv li hemm indikat f'dina l-iskrittura.

"L-attur ghamel dina l-kawza ghal hlas ta' Lm6,350 rapprezentanti parti mill-korrispettiv dovut lill-attur mill-konvenut ghall-advertising space pattwit kif hawn fuq imsemmi u biex il-konvenut jikkonsenja lill-attur computer IBM Pentium II u Modem ta' 56 Kilobytes kif ukoll Velo Palm Top Computer bhala parti mill-imsemmi korrispettiv.

"Il-konvenut ikkontesta dawn it-talbiet billi sostna li l-attur stess kien inadempjenti fl-obbligi minnu assunti fil-konfront tal-konvenut.

**"Eccezzjoni inadempleti contractus**

"Preliminarjament l-attur qed jikkontendi li d-difiza tal-konvenut ma hiex sostenibbili ope exceptionis, fis-sens li jekk il-konvenut qed isostni li l-attur naqas mill-obbligi tieghu, hu messu azzjona lill-attur biex iwettaq l-obbligi tieghu jew inkella li jitlob li jigi mahlul mill obbligi tieghu, u mhux  unilateralment ma jwettaqx l-obblgi tieghu u jhallas dak li hu dovut.

"Min-naha l-ohra l-konvenut issottometta li hu mhux qed ifittex il-hall tal-kuntratt a bazi tal-patt kommissorju, kif qed jippretendi l-attur, izda a bazi tal-principju inademplenti non est ademplentum, fis-sens li min huwa inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet assunti minnu f'kuntratt bilaterali, ma jistax ifittex it-twettieq ta' l-obbligi kontratti mill-kontroparti. Hu jsostni li dina l-eccezzjoni tista tinghata indipendentement mid-dritt tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju.

**"Tikkunsidra**

"L-eccezzjoni inadempleti contractus hi bazata fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligu tieghu di fronte ghal kontraent l-iehor, ikun immorali li hu jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. (Vol XXX pI p155; Vol XLIX pI p518; Vol L pII p323).

"Illi l-konvenut seta' jaghzel bejn zewg alternattivi sabiex jiddefendi ruhu; cjoe`, jew ifittex li jinhall mill-kuntratt permezz ta' azzjoni ad hoc bazata fuq il-patt kommissorju, jew inkella jopponi t-talba attrici bl-eccezzjoni ta' l-inadempiment.

"Illi ghalhekk hi fehma tal-Qorti li ma kien hemm xejn x'jzomm lill konvenut milli jressaq l-eccezzjoni ta' l-inadempiment ta' l-obbligi assunti mill-attur minflok ma jagixxi b'azzjoni bazata fuq il-patt kommissorju.

**"Fil-mertu**

**“Kontestazzjoni**

“L-attur qed jikkontendi li hu wettaq l-obbligi tieghu fedelment u li ma kien hemm xejn x’jiggustifika lill konvenut milli ma jwettaqx id-dmirijiet tieghu.

“L-attur qed jissottometti li hu kien gie moghti mis-Super One TV 8 minuti mis-16-il minuta allokati ghal dak il-programm. F’dawk it-tmin minuti hu kellu dritt li jtella riklami ghal programm mentri l-istazzjoni televiziv kellu wkoll l-fakulta` li juza l-hin li kien fadallu kif jidhirlu hu inkluz li jaghmel riklami ohrajn oltre dawk li jixxandru mill-attur. L-attur kien qabbad agenzija ta’ reklamar cjoe` lill konvenut biex juza l-hin allokat lilu u sar il-ftehim imsemmi d-dok A a fol. 6. Il-programmi saru kollha u l-konvenut inghata l-ispazju miftiehem u gew imxandra r-riklami li hu hejja u l-hin li kien disponibbli ghalih gie mehud kollu. Matul il-kors tal-programmi l-konvenut ma ghamel ebda ilment dwar it-twettieq ta’ l-obbligi kontrattwali min-naha ta’ l-attur. L-attur accetta li kien hemm kontroversja dwar programm partikolari minnhom izda l-konvenut xorta kompla jaghmel ir-reklami tieghu. Kien meta l-attur ma kienx accetta proposta tal-konvenut li jaghmlu scoop fil-programm biex jattiraw aktar pubblicita` li l-konvenut beda johloq il-problemi. Dwar l-ilment tal-konvenut li kien hemm riklami ohra fuq dawk il-programmi, l-attur issottometta li l-istazjon kien hieles li juza dak il-hin kif jidhirlu. L-attur ma kienx intrabat mal-konvenut li fuq il-programm ma jkunx hemm riklami ta’ terzi.

“Min-naha l-ohra l-konvenut issottometta li ghalih kien importanti li jkollu l-hin tar-reklamar kollu a disposizzjoni tieghu sabiex ma jkollux ghalfejn jinkwieta li xi terz jikkompeti mieghu u jwaqqghalu l-prezz tar-reklamar. Kien ghalhekk li hu ntrabat ma’ l-attur biex jaghtih il-hin kollu lilu allokat minn Super One T.V. Skond il-konvenut f’kull programm kellu jkun hemm 8 minuti allokati lill producer (l-attur) u 1 minuta biss lill Amministrazzjoni, cjoe` Super One TV invece kien hemm numru ta’ riklami li ma kienux ingabu mill-konvenut u li invadew il-hin allokat lilu . Dawn ir-riklami, skond il-konvenut, jaqbzu bil-bosta l-minuta li Super One TV zamm ghalih u kienu mferxin mal-

programm kollu u mhux limitati ghal closing time. Ghalhekk isostni li la darba gie invaz il-hin allokat lilu, l-attur naqas mill-obbligi tieghu taht l-iskrittura u ghalhekk issa ma jsitax jitlob it-twettieq ta' l-obbligazzjonijiet assunti mill-konvenut fl-iskrittura.

**"Ligi**

"Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni inadempleti contractus jehtieg illi si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti radikata fl-istess rapport sinallagmatiku bejniethom. Kondizzjoni ohra hija illi fil-fehma tal-gudikant, meqjusa c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikun hemm certa proporzjon bejn l-inadempjenza attribwita bi htija ta' l-attur u dik rifjutata mill-konvenut. Jehtieg li l-inadempjenza ta' l-attur tkun imputabbili lilu u li inoltre, relattivament ghal prestazzjoni hu jezigi minn ghand il-konvenut li tkun ta' certa gravita`. (Vol XL1X p 518 E. Aquilina vs S. Aquilina et 12.3.65.)

"Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna jidher ukoll li ittemperat b'mod ekwitattiv f'certi kazjiet ir-rigidita` tal-massima generali. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-13 ta' Ottubru 1989, fil-kawza fl-ismijiet Francis Mallia et noe. v. Edwin Magri, inghad, inter alia, hekk: "....il-Qrati Taghna f'certi kazijiet ordnaw il-hlas tal-prezz ta' l-appalt stabbilit a misura, meta kien hemm difetti parzjali u mhux sostanzjali fix-xoghol, izda ordnaw lill-kommittent jirritjeni parti mill-prezz sakemm l-appaltatur isewwi d-difetti. F'kazijiet ohra fejn ix-xoghol kien ezegwit in parti sewwa u in parti hazin, giet negata lill-appaltatur kull parti mill-prezz fuq il-motiv li x-xoghol ma kienx sar skond ma titlob is-sengha. F'kazijiet ohrajn il-Qorti ordnat li titnaqqas mis-somma li tigi mhallsa somma stmata mill-perit bhala kumpens ghad-difetti fix-xoghol, specjalment meta ma jkunx aktar possibbli jew prattikabbli li jigu rrangati d-difetti". (ara sentenza App C.Gauci vs M.Grixti 23/1/95).

**"Konsiderazzjonijiet**

"Fil-kaz in ezami mill-provi prodotti jirrizulta mhux kontestat li sar il-ftehim a fol. 6 tal-process li kellu jirregola l-obbligi tal-partijiet b'riferenza ghal programm u riklami li kellhom isiru mill-konvenut.

"Fil fatt l-partijiet kienu ftehemu hekk:

*Fr. Colin will provide 13 programmes on Super One TV every Thursday from 8.30 p.m. to 10.30 p.m. with repeat on Sunday 10.00 – 12.00 a.m.*

*Fr.Colin has to provide advertising space in his programme with the following conditions:*

*1. Lm450 per programme.*

*2. An additional 1 minute for Lm1,000 distributed as Lm500 clothes and LM 500 in cash as requested and to have the cost price clothes if we buy more.*

*3. System Solutions corner in the programme. IBM Pentium 11 and Modem 56K for the TV programme.*
*4. Velo Palm Computer.*

"Ma jidhirx li hu kontestat li l-konvenut ha l-hin kollhu miftiehem ta' 8 minuti skond l-iskrittura ghal dawn ir-reklami.

"Li hu kontestat ("in parti" kif xehed il-konvenut stess ara fol 84) hu li skond il-konvenut gew trasmessi numru ta' riklami li ma kienux ingabu minnu u li invadew il-hin allokat lilu . Dawn ir-riklami, skond il-konvenut, qabzu bil-bosta l-minuta li Super One TV zamm ghalih u kienu mferxin mal-programm kollu u mhux limitati ghal closing time. Dawn ir-reklami ma kienux mibjugha la minnu u lanqas mis-Super One imma kienu ta' l-attur stess.

"Inoltre s-*System Solutions corner* fil-programm ma gietx trasmessa kif ordnat.

"Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istazzjoni kien obbliga ruhu li jaghti tlett minuti reklami fil-bidu tal-programm, minuta fil-

break, u fil-closing time ikun hemm, erbgha minuti ghall producer u minuta ghall amministrazzjoni. L-attur jikkontendi li l-konvenut ha l-hin kollu allokat lilu ghar-reklami.

“Charlotte Montfort li tahdem bhala sales office programmer ma’ l-istazzjon xehdet li hija kienet tiehu hsieb l-iskedar tar-reklami, cjoe` li tara li dawn johorgu waqt il-programm. Hi qalet li l-konvenut kien imur ftit qabel il-programm , kien igibilha l-beta tape li kien ikun fih ir-reklami, u hi kienet tghaddihom lill presentation office biex johorgu fuq il-programm. Il-konvenut kien igib it-tapes edited kull gimgha. Hi kkonfermat li l-konvenut dejjem gabilha t-tapes u r-riklami xxandru. Kien hemm riklami ta’ Swinger by VF u B4 Textiles.

“Dina x-xhieda tikkontradici dak li xehed il-konvenut li huwa kien ha r-reklami darbtejn biss lil Montfort u li kien waqaf jaghmel ir-reklami .

“L-attur xehed li matul il-kors tal-programmi l-konvenut ma ghamel ebda ilment mieghu dwar it-twettieq ta’ l-obbligi kontrattwali u dejjem kien ighidlu li sejjer tajjeb, hlief imbaghad meta l-attur m’accettax il-proposta tal-konvenut li jaghmlu scoop, il-konvenut beda johloq il-problemi. F’dak l-istadju l-konvenut ried jibdel il-ftehim originali izda l-attur m’accettax. Kien biss meta l-attur talab lill konvenut biex jhallas skond il-ftehim, li l-konvenut beda jgib l-iskuzi u ma hallsu xejn.

“Li l-konvenut qatt ma lmenta dwar ir-reklami gie konfermat mis-sales officer, Charlotte Montfort kif ukoll minn Joe Attard, managing director ta’ l-istazzjon, li qal li ma jiftakarx li saru xi complaints ma' l-istazzjon dwar adverts li saru fuq dan il-programm jew dwar nuqqas fl-advertising.(fol 68). L-istess qal Pablo Micallef li xehed li l-konvenut qatt ma lmenta mieghu dwar il-programm jew ir-reklami. Hu kien ji[l]taqa' mieghu wara l-programm u qatt ma lmenta. (fol 75).

“Il-konvenut ilmenta li kien hemm numru ta’ riklami li ma kienux ingabu minnu jew minn Super One imma mill-attur stess u dawn invadew il-hin allokat lilu.

“Jirrizulta mill-provi prodotti li l-hin ta’ 8 minuti li kienu gew allokati lill-konvenut skond il-ftehim kienu ittiehdu kollha minnu. Il-konvenut pero` jghid li kien hemm terzi li kienu qed jaghmlu r-reklami wkoll fl-istess programm u ghalhekk tilef l-esclusivity tieghu.

“Illi mill-iskrittura imsemmija a fol. 6 ma jirrizultax li l-konvenut inghata xi esclusivity ghar-reklami kollha li kellhom jidhru fit-13 il-programmi imma inghata biss 8 minuti u l-istazzjoni kellu hin rimanenti ghalih li fih setgha jittrasmetti reklami ohra, kif irid hu, anke ta’ terzi. Mill-iskrittura ezibita ma kien hemm xejn li jeskludi lill haddiehor milli jirreklami fil-hin li ma kienx tal-konvenut.

“Il-konvenut ilmenta ukoll li kien hemm certi riklami li skond hu zgur li ma hallsux kemm hallas hu ghar-reklami tieghu, u dawn bdew itellfuh. Skond il-konvenut dawn kien gabhom l-attur stess. Il-konvenut semma' diversi riklami izda prova permezz ta’ xhieda gab wahda, cjoe` dika ta’ Michael Attard tal-Peugeot. Ghalkemm ix-xhud Cassar Parnis xehed li d-ditta xtrat l-airtime direttament minghand l-attur ghal programm fuq Super One jismu Empowerment hu qal li dettalji ma jiftakarhomx. Ic-cheque li esebixxa hareg fil 4/7/2000 mentri l-programm kien beda erbat ijem wara l-iskrittura datata 18th January 1999. L-attur semma' pero` li r-reklam kien ghal programm Stejjer u mhux Empowerment. “Dwar ir-reklami l-ohra l-attur qal li dawn kienu diga miftiehma minn qabel mis-Super One u ma kienx intrabat mal-konvenut skond l-iskrittura li fuq il-programm ma kienx ser jkun hemm riklami ta’ terzi. Minn naha tieghu l-konvenut ighid li huwa ma kienx jaf li kien hemm xi haddiehor li kellu spazju wkoll ghal advertising f’dak il-programm.

“Il-konvenut isostni li anke dwar il-kondizzjoni fil-kuntratt dwar is-Systems Solutions l-attur baqa’ inadempjenti billi l-programm hareg hazin u dan billi deher fuq *computer* ta’ haddiehor. Dwar dan izda Pablo Micallef jghid li l-

problema kienet fil-*computer* li kien gab il-konvenut u ghalhekk kellhom jirrikorru ghal *computer* ta' l-istrazzjon.

"Illi fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti wara li qieset kollox hi tal-fehma li m'hemmx l-elementi kollha rikjesti biex l-eccezzjoni *inadempleti contractus* tigi akkolta billi jirrizulta li l-attur kien mexa skond il-kuntratt u tah lill konvenut il-hin kollu allokat lilu skond l-iskrittura u li l-konvenut baqa' jipprezenta r-reklami sa l-ahhar programm skond kif jirrizulta mix-xhieda. Illi fl-istess hin il-konvenut kien sa certu punt gustifikat li jilmenta ma' l-attur, li l-attur stess ( u mhux l-istazzjon) ma jaghmilx riklami li setghu jtelfuh. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li t-talba ta' l-attur m'ghandiex tinlaqa' ghall kollox imma biss tintlaqa' biss ghal korrispettiv tal-hin tar-reklami li l-konvenut ghamel."

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fis-26 ta' Ottubru 2005, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tielet u r-raba' talba ta' l-attur, u (2) thassarha in kwantu laqghet l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur u minflok tichad l-istess talbiet bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu ta' l-attur.

L-attur ressaq risposta kontra l-appell tal-konvenut fejn jghid li s-sentenza hija sostanzjalment gusta fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi konfermata u li ghalhekk, anke ghar-ragunijiet hemm esposti, l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud bl-ispejjez ikunu akkollati lill-istess appellant.

**Ikkunsidrat:**

Bejn il-kontendenti kien intlahaq ftehim dwar reklamar li kellu jsir waqt programm imtella mill-attur fuq l-istazzjon Super One imsejjah "Empowerment". Dan il-ftehim gie redatt fi skrittura li ggib id-data tat-18 ta' Jannar, 1999 u li giet iffirmata miz-zewg kontendenti – din tinsab ezebita a fol. 6 tal-process.

L-attur istitwixxa dawn il-proceduri billi qed isostni li l-konvenut, minkejja li inghata l-“*airtime*” miftiehem, naqas li jhallas skond kif miftiehem fl-imsemmi ftehim. Il-konvenut, da parti tieghu, jsostni li ma ghandux ihallas skond kif mitlub fic-citazzjoni billi l-attur kien inadempjenti fl-obbligi assunti minnu.

L-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici, ghal anqas in parte, wara li osservat li:
"a) Ma kien hemm ebda kontestazzjoni bejn il-kontendenti li l-konvenut ha l-hin kollu allokat lilu.

"b) Li l-iskrittura tat-18 ta’ Jannar, 1999 ma kienet taghti ebda esklussivita` lill-konvenut fix-xandir ta’ reklami fil-programm imsemmi.

"c) Li mhux minnu dak li allega l-konvenut li l-attur xandar xi reklami huwa stess.

**Ikkunsidrat:**

Mill-iskrittura a fol. 6 tal-process jidher car dak li gie miftiehem bejn il-partijiet u cioe` li l-konvenut kellu jinghata tmien minuti *advertising space* ghal kull programm, li minnhom seba’ minuti kellhom jithallsu skond kif mifthiem u minuta ohra kellha tigi kumpensata in parti bi hwejjeg u in parti bi flus. Dan kull ma jinghad fil-ftehim u ghalhekk, la darba irrizulta u jidher li mhux kontestat li l-konvenut utilizza l-hin kollu allokat lilu, kull kunsiderazzjoni ohra hija superfluwa u l-konvenut ma seta' qatt iressaq argumenti ohra bhal ma nghad fil-kors tal-kawza, u ripetut fir-rikors ta’ l-appell, li huwa gie koncess l-*airtime* kollu, li kien hemm ftehim dwar meta kellhom jixxandru r-reklami prodotti mill-konvenut u li l-attur ma setax jixandar reklami huwa stess billi dan seta jippregudika l-posizzjoni tieghu.

Illi l-appell tal-konvenut huwa intiz sabiex din il-Qorti terga' taghmel valutazzjoni tal-provi prodotti billi qed jigi allegat li l-ewwel Qorti naqset meta ma ghamlitx valutazzjoni kompleta tar-rizultanzi fil-kawza. Infatti qed jerga' jinghad li l-attur kellu jalloka lill-konvenut l-*airtime* kollu lilu koncess mill-istazzjoni u l-attur naqas meta bejgh lill-terzi “*airtime*”

koncess lill-konvenut. Kif gja` rajna aktar-il fuq dawn l-ilmenti mhux gustifikati billi mhux sorretti b'dak li kien gie miftiehem bejn il-partijiet fit-18 ta' Jannar, 1999. Del resto jidher li l-ewwel Qorti, anke fir-rigward ta' l-ilmenti, mhux gustifikati, mressqa mill-konvenut ghamlet valutazzjoni tajba tal-provi u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba l-konkluzjonijiet taghha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata anke billi ma sar ebda appell da parti tal-istess attur. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell jkunu a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------